# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta’ Frar, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Luke Orsini**

**Drogi Numru 6/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Luke Orsini, ta’ 21 sena, bin Alexander u Jane nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ nhar it-28 ta’ Ottubru 1998, residenti gewwa numru 4, Sqaq San Anard, Zejtun u detentur tal-karta ta’ identita b’numru 406998M.

Akkuzat talli fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta’ Novembru 2019 ghall-habta ta’nofs il-lejl gewwa Hal-Qormi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni ta’l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.**

In konkluzzjoni l-Qorti, qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga o oggetti elevati mill-pussess ta'l-imputat Dok KB1,** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**